MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 112/2003

**Victor Agius**

**Vs**

**Limelight Hotels Ltd.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn tlett mija u wiehed liri u erba u sittin centezmi (Lm2301.64) ammont dovut bhala hlas ta’ arretrati, dawl u ilma skond kuntratt tal-20 ta’ Mejju 1997.

Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta inkluzi Lm23 ta’ spejjes legali maghmula mill-attur u kif ukoll l-ispejjes tal-mandat ta’

qbid numru 283/03, liema socjeta' konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Marzu 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm2301.64,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm23.00,0 bhala spejjes legali maghmula mill-istess attur oltre dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 283/03, imsemmi fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------